**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 26 ta' Gunju, 2018**

Numru 2

**Rikors Guramentat Nru. 309/2016**

**Steven Micallef**

**vs**

**Avukat Generali**
**Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tal-15 ta' April, 2016 li jghid hekk:

1. Illi l-esponent tressaq il-Qorti akkuzat talli, f'dawn il-Gzejjer fit-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena 2007 u fix-xhur ta' qabel, fost l-ohrajn, ikkoltiva u kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis u kif ukoll illi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis;

2. Illi permezz ta' sentenza datata erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016), fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Steven Micallef, liema sentenza illum hija res judicata stante illi ma gietx appellata, il-Qorti Kriminali fuq ammissjoni sabitu hati tal-akkuzi migjuba kontrih u barra l-piena ta' prigunerija u l-hlas ta' multa ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta mobbli u immobbli ohra tieghu liema sentenza qed tigi annessa u mmarkata bhala dok. 'A';

3. Illi l-esponent qieghed prezenzjalment jipprevalixxi ruhu mid-dispost tal-artikolu 22C tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jottjeni dikjarazzjoni li l-proprjeta kollha tieghu kemm mobbli kif ukoll dik immobbli hekk konfiskata mhix profitt jew dhul mill-ghemil ta' xi reat taht din l-Ordinanza jew akkwistata direttament jew indirettament

minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dak u sabiex ghaldaqstant l-istess proprjeta konfiskata ma tibqax hekk konfiskata u tintradd lura lir-rikorrent;

4. Illi kif se jigi pruvat fil-mori tal-kawza, l-esponent dejjem kellu impjieg bi qliegh;

5. Illi l-esponenti kellu intestati f'ismu, flimkien ma' martu Roseanne Micallef, zewg (2) kontijiet bankarji mal-bank bl-isem Bank of Valletta plc;

6. Illi wiehed minn dawn il-kontijiet kien qed jinzamm a favur ta' bintu li ghadha minuri Elena Micallef;

7. Illi in oltre l-esponent jinsab f'pozizzjoni illi jipprova illi l-kontijiet bankarji illi huwa ghandu mal-bank ma jikkontjenux flus provenjenti minn xi reat taht l-imsemmija Ordinanza;

8. Illi l-esponenti kellu wkoll polza tal-assikurazzjoni mas-socjeta MSV Life, li kienet inbdiet fis-sena elfejn u tnejn (2002);

9. Illi ukoll fir-rigward tal-polza tal-assikurazzjoni mas-socjeta MSV Life, l-esponenti qieghed f'posizzjoni li jipprova li din il-polza ta' assikurazzjoni mhiex rizultat ta' flus provenjenti minn xi reat taht l-istess ordinanza;

10. Illi l-esponenti kellu wkoll Fiat Punto numru ta' registrazzjoni IBE289, Kia Ceres numru ta' registrazzjoni DAH478, Toyota Haice numru ta' registrazzjoni IBG953 u Ford Anglia, u l-esponenti qieghed f'pozizzjoni li jipprova li dawn il-vetturi mhux rizultat ta' flus provenjenti minn xi reat taht l-istess Ordinanza.

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha ai termini tal-artikolu 22C u 22D tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta tirrevoka l-ordni tal-konfiska tal-proprjeta kollha tieghu, kemm mobbli kif ukoll immobbli, maghmula bis-sahha ta' sentenza datata 24 ta' Frar tas-sena 2016 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Steven Micallef.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

1. Preliminarjament l-esponent Avukat Generali jecepixxi li hu mhux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza gialadarba l-artikolu 22C(5) tal-Kap. 101 jistabillixxi b'mod car li huwa l-Kummissarju tal-Pulizija li jrid jirrispondi ghal dawn it-tip ta' rikorsi u ghalhekk huwa evidenti li l-Avukat Generali ghandu jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi rilevat ukollii r-rikorrent naqas li jehmez mar-rikors id-dokumenti kollha li ser jipproduci sabiex jipprova l-kaz tieghu ai termini tal-artikolu 22C(3) tal-Kap. 101. Ghalkemm giet esebita kopja tas-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali dan mhux bizzejjed biex jissodisfa dak rikjest mil-ligi.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fuq il-mertu jigi rilevat li l-prova tal-provenjenza lecita ta' din il-proprjeta u l-akkwist lecitu taghha tispetta lir-rikorrent.

4. Illi fi kwalunkwe kaz u peress li f'dan l-istadju r-rikorrent ma gab l-ebda prova dawn il-lecita tal-proprjeta in kwistjoni, l-esponent jirrileva li r-rikors promotur huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk l-esponent jopponi l-akkoljiment tat-talba tar-rikorrent.

5. Illi in vista tas-suespost it-talba tal-attur ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri wara li l-esponent ikollu l-opporjunita li jikkontrolla l-provi tar-rikorrent u x-xhieda li elenka fir-rikors u wara li jinghata lilu l-opportunita li jivverifika d-dokumenti li l-attur kien obbligat jehmez mal-istess rikors kif inghad qabel.

Rat l-atti u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Provi**

Dr Annalisa Debono, rapprezentanta ta' MSV Life xehdet li r-rikorrent kellu polza ta' assikurazzjoni tat-tip Lifelink Growth u bdiet fl-20 ta' Settembru 2002 ghal 25 sena u timmatura fil-2037. Kien hemm premium pagabbili ta' €291.17. Din il-polza kienet giet *assigned* lil Bank u giet surrendered fil-20 ta' Gunju 2013 u l-bank thallas €9657.01 [Dok. AD1 a fol. 21].

Joanna Bartolo, rapprezentanta tal-Bank of Valletta, xehdet li r-rikorrent kellu erba' kontijiet:

1. Savings Account li infetah fid-29 ta' Awwissu 2000 u ghadu miftuh Dok. JB1;
2. Overdraft li infetah fis- 16 ta' Settembru 2002 u inghalaq fil-31 ta' Mejju 2007 Dok. JB2;
3. Business Loan account li nfetah fis-26 ta' Lulju 2005 u ghadu miftuh Dok. JB3;
4. Business Loan account iehor li infetah fis-7 ta' Mejju 2007 u inghalaq fid-9 ta' April 2010 Dok. JB4.

Joseph Saliba, rapprezentant ta' Jobs Plus, ezebixxa l-employment history tar-rikorrent Dok. JS1 a fol. 223 . Hu beda fl-1999 sal-2009.

Charles Carter, rapprezentant tat-Trade Department, esebixxa trading license tar-rikorrent datata 14 ta' Novembru 2012 [Dok. CC1] flimkien mal-kundizzjonijiet marbuta maghha minn naha tal-Health b'rapport shih u dettaljat.

Rosanne Micallef, mart ir-rikorrent, xehdet li hija zzewget lir-rikorrent fis 7 ta' Mejju 2000. Hi kellha hanut, grocer, is-suq il-Belt. Ir-ragel kien jahdem il-Casino, imbaghad meta kellha t-tifla, telaq minn hemm u ha over il-hanut. Imbaghad kienu hadu loan zghir, ghalqu l-hanut tal-Belt, u kabbru n-negozju ta' food packers u marru Haz-Zebbug biex ikabbru. In-negozju kien kollu f'idejn ir-ragel. Ezebit id-Dok. RM1 [fol. 239] li huma kontijiet tal-bank. Kellhom Life Insurance [Dok. RM2 fol. 240] biex taghmel tajjeb ghal loan. Kienu jhallsu pagament fix-xahar. Ezebiet id-Dok. RM3 u 4 [fol. 242, 248] it-tax returns. L-ewwel kaz il-Qorti li kellu l-attur kien fil 2007.

Ir-rikorrent xehed li qabel izzewweg kien jahdem il-Casino bejn il-1998 u 1999, imbaghad hadem go hanut tal-grocer is-suq tal-Belt u wara arma b'kumpanija li tippakkja xoghol tal-ikel. Kien mal-mara bi shab. Esebixxa d-dokumenti SM1 records mill-2000 sal 2008. Kellu Life Insurance f'ismu mal-Middlesea fuq loan li hareg mill-BOV fuq in-negozju tieghu. Kellu xi kontijiet ohra mal-BOV fejn kien jaghmel xi deposits zghar. Hu baqa jahdem sal 2008. Id-dar matrimonjali hija wirt ta' missieru.

PL Quentin Tanti, rappresentant tar-Registratur tal-Kumpaniji u l-MFSA, xehed li skond ir-records taghhom ma ghandhomx socjetajiet registrati bl-isem Ta' Jimmy Store Valletta jew Ta' Jimmy Zebbug [Dok. MC1 a fol. 282].

Paul Scicluna, rapprezentant tad-Dipartiment tal-VAT, xehed li l-ewwel denunzja mir-rikorrent saret fl-1/5/1999 u l-ahhar f'Jannar 2009 [Ara Dok. PS1 a fol. 285-327].

John Micallef**,** rapprezentant tat-Taxxi Interni, ezebixxa d-dokumenti dwar is-sena ta' stima minn 2000 sas-sena ta' stima 2015 [Dok. JM1]. Dawn huma returns u mhux kemm hallas taxxa. Fejn fid-dokument hemm *non filer* ifisser li d-Dipartiment ikun jaf il-qliegh tieghu u mhemmx ghalfejn tintbghat return.

Stephen Cachia, rapprezentant tat-Trasport Malta, xehed li hemm tlett vetturi registrati fuq isem ir-rikorrent, wahda IBE 289 Fiat Punto registrata fl-10/05/2005 u li ilha ggarraxxjata mill-01/10/2009. Vettura ohra, IBG 953, Toyota Haice, registrata fit-13/10/2003, u vettura Ford Anglia A4154 li giet skrappjata fis-17/03/2010 [Ara Dok. SC1 a fol. 412 et seq.].

Dr John Seychell Navarro, ghan nom tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, esebixxa d-dokumenti SNI [a fol. 421-638] li huwa kopja tar-rapport ta' Dr Vincent Galea dwar l-iffrizjar tal-assi tar-rikorrent.

Spettur Raymond Cassar xehed bl-affidavit li kienu ghamlu tfittxija gewwa garaxx Haz Zebbug li kien qed jintuza mir-rikorrent u fejn kellhom informazzjoni li kienet qed tigi koltivata l-cannabis. Fil-garaxx instabu 56 pjanta imhawlin u t-tkabbir kien mahdum b'certu sengha u minn xi hadd li huwa midhla tax-xoghol. Irrizulta mill-investigazzjoni li s-set up kien koordinat minn Albert Tanti li kellu esperienza f'dan il-qasam u li kien ukoll gie kkundannat ghal reati simili fil-Kanada snin qabel. Instabu wkoll 3 pjanti ohra hdejn l-istalel. Is-set up kien professjonali u intenzjonat biex jikkoltiva l-kannabis fit-tul. Instabu wkoll print outs mill-internet ta' kif wiehed ghandu jikkoltiva dawn il-pjanti. F'dan il-kaz il-koltivazzjoni ma kinitx ilha wisq li bdiet, ftit xhur forsi. It-tkabbir kien wiehed tajjeb u kien ihalli ntrojtu tajjeb.

Fir-rigward tal-assi kkonfiskati, ma setghax jikkonferma jew jichad jekk humiex gejjin minn tali attivita. Ir-rikorrent ma kienx konness ma reati ohrajn ta' dan it-tip. Hu jemmen li r-rikorrent gie mhajjar jikkoltiva l-kannabis minn Albert Tanti li kellu l-esperienza f'dan il-qasam izda mhux il-mezzi. Jidher li r-risorzi tal-attur intuzaw ghal dan il-ghan.

**Konsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti**

**Sentenza tal-Qorti Kriminali**

B'sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Steven Micallef fil-24 ta' Frar 2016, wara ammissijoni tal-imputat, il-Qorti sabitu hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu, u apparti piena ta' prigunerija effettiva ghal perjodu ta' hames (5) snin flimkien ma' multa ta' sittax-il elf ewro (€16,000), kkundannat ukoll lir-

rikorrent ihallas s-somma ta' €5,846.37 rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-hati.

**Talba u kontestazzjoni**

F'dawn il-proceduri r-rikorrent qiehed jipprevalixxi ruhu mid-dispost tal-artikolu 22C tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jottjeni dikjarazzjoni li l-proprjeta kollha tieghu kemm mobbli kif ukoll dik immobbli konfiskata b'sentenza tal-Qorti Kriminali mhix profitt jew dhul mill-ghemil ta' xi reat taht din l-Ordinanza jew akkwistata direttament jew indirettament minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dak u ghalhekk talab li l-istess proprjeta konfiskata ma tibqax hekk konfiskata u tintradd lura lil attur.

L-intimat, Avukat Generali, wiegeb preliminarjament [i] illi huwa hu mhux il-legittimu kontradittur; [ii] li r-rikorrent naqas li jehmez mar-rikors id-dokumenti kollha li ser jipproduci sabiex jipprova l-kaz tieghu ai termini tal-artikolu 22C(3) tal-Kap. 101 u [iii] fil-mertu l-prova tal-provenjenza lecita ta' din il-proprjeta u l-akkwist lecitu taghha tispetta lir-rikorrent.

**Legittimu kontradittur**

L-intimat Avukat Generali wiegeb li hu mhux il-legittimu kontradittur ladarba l-artikolu 22C(5) tal-Kap. 101 jistabillixxi b'mod car li huwa l-Kummissarju tal-Pulizija li jrid jirrispondi ghal dawn it-tip ta' rikorsi u ghalhekk huwa evidenti li l-Avukat Generali ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi l-Avukat Generali ghandu ragun ighid li mhuwiex il-legittimu kontradittur. Fil-fatt proceduri ta' din ix-xorta ghandhom isiru kontra l-Kummissarju tal-Pulizija. L-Artikolu 22C(1)(5) jipprovdi:-

> Ir-rikors u l-avviz tad-data stabbilita ghas-smigh **ghandhom jigu notifikati lill-Kummissarju tal-Pulizija** minghajr dewmien, u l-imsemmi Kummissarju għħandu jipprezenta r-risposta tieghu ghar-rikors fi zmien hmistax-il jum wara d-data tan-notifika tar-rikors."

Illi ghalhekk dina l-eccezzjoni qed tigi milqugha u l-Avukat Generali qed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, spejjez ta' din l-eccezzjoni a karigu tar-rikorrent.

**Mertu**

Illi r-rikorrent kien tressaq quddiem il-Qorti b'akkuzi dwar koltivazzjoni tal-kannabis li jirrisalu ghat-2 ta' Mejju tas-sena 2007 u ghax-xhur ta' qabel. Fuq ammissjoni tieghu huwa kien instab hati.

L-atturipprezenta dina l-procedura billi qed jikkontesta l-ordni tal-konfiska u qed jsostni li:

Hu dejjem kellu impjieg bi qliegh;

Il-kontijiet bankarji illi huwa ghandu mal-bank ma jikkontjenux flus provenjenti minn xi reat taht l-imsemmija Ordinanza;

Il-polza tal-assikurazzjoni mas-socjeta MSV Life kienet infdiet fis-sena elfejn u tnejn (2002) u li din il-polza t'assikurazzjoni ma kienitx rizultat ta' flus provenjenti minn xi reat taht l-istess ordinanza;

Il-vetturi li ghandu mhux rizultat ta' flus provenjenti minn xi reat taht l-istess ordinanza.

**Ligi**

L-artikolu 22C tal-Kapitolu 101 jipprovdi:

> 22C. (1) Meta jkun sar ordni ta' konfiska taht l-artikolu 22(3A)(d) il-persuna misjuba hatja, jew it-terza persuna msemmija f'dak il-paragrafu, tista' tibda azzjoni ghal dikjarazzjoni li xi proprjeta jew kull proprjeta mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dhul mill-eghmil ta' xi reat taht din l-Ordinanza (kemm jekk ikun jew ma jkunx hekk aggudikat minn Qorti tal-gustizzja kriminali) lanqas proprjeta akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawk.
> (2) Dik l-azzjoni ghandha tinbeda b'rikors fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili mhux iktar tard minn tliet xhur mid-data li fiha s-sentenza li tordna l-konfiska tkun saret finali u konkluziva.
> (3) Ir-rikorrent ghandu b'sustenn ghat-talba tieghu, jehmez mar-rikors id-dokumenti kollha li hu jkun jista' jipproduci u ghandu jaghti fir-rikors tieghu l-ismijiet tax-xhieda kollha li jkun bi hsiebu jġib, fejn ighid dwar kull wiehed il-prova li jkun bi hsiebu jaghmel.

Illi kif ritenut fis-sentenza tal-Qorti Civili Prim Awla fl-ismijiet **Nazzarene Muscat vs Il-Kummissarju tal-Pulizija**, datata d-29 ta' Settembru 2009 u konfermata f'Appell fis-7 ta' Awwissu 2013, f'kazijiet bhal dawk in dizamina:

> … il-piz tal-prova li dak il-gid inkiseb b'mezzi legittimi jrid ikun x'aktarx aqwa minn semplici dikjarazzjoni vaga li r-rikorrent kellu ghejun jew risorsi ohra ta' ghejxien [ara wkoll **Nazzareno Abela vs Kummissarju tal-Pulizija**, PA 06/10/2005]

Illi l-oneru tal-prova rikjest jinkombi fuq min jallegah, f'dan il-kaz, ir-rikorrent.

Hu mixhut fuq l-attur li ghandu dmir jipprova li l-oggett bl-ebda mod, la direttament u lanqas indirettament, ma ghandu xi forma ta' konnessjoni mar-reat taht dik l-Ordinanza jew mal-lucri ta' dak ir-reat, [**Alex Saliba vs Avukat Generali noe et**, App 29/05/2009].

Issir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Anthony Seychell vs Kummissarju tal-Pulizija**, App 01/07/2014, fejn gie enuncjat illi:

> ... f'kawza ta' din ix-xorta, huwa l-attur li jrid jipprova li l-oggetti in kwistjoni ma jkollhomx rabta mar-reat li tieghu instab hati u li l-provenjenza taghhom hija kollha kemm hi lecita. In oltre, kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Bajada et vs L-Avukat Generali et** deciza fit-28 ta' Marzu, 2014**,** 'il-prova trid tkun wahda cara u konkludenti, anke jekk il-grad ta' perswazjoni huwa biss fuq bazi ta' probabbilita' (ara wkoll **Abela vs Kummissarju tal-Pulizija**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Ottubru, 2005).

Illi l-Perit Legali Dr Vincent Galea fir-relazzjoni tieghu Dok. VG a fol. 421 ghamel lista tar-rizultanzi mill-indagini li huwa mexxa. Fil-konkluzzjonijiet tieghu a fol. 452 huwa jsemmi s-segwenti:

-Erba kontijiet mal-Bank of Valletta. Dok. SMI a fol. 453
-Kont mal-APS li nfetah fil 24/2/2002 u nghalaq 2/3/2007 Dok. SM4
-Polza ta' assikurazzjoni fuq vetturi Skoda Felicia, Kia Ceres, u Toyota Hiace Dok. SM68
-Polza ta' assikurazzjoni fuq il-hajja Dok. SM71 li bdiet fil 20/9/2002 u giet surrendered fil-2013
-Vetturi registrati fuq ir-rikorrent Ford Anglia, Fiat Punto, Toyota Hiace Dok. SM110
-Ipoteka favur il-BOV ghal Lm10,000 bhala overdraft facility fuq two interconnected garages situated at Zebbug, Malta known as Protectol Garage, including the adjoining private unbuilt area in front of the said garages (from which they are accessible) abutting into Mdina Road, which garages anbd area are bounded together on the South by Mdina Road, on the West by Sqaq s il-Qenc, and on the North by property of the Goverment of Malta, skond kuntratt tat- 13 ta' Settembru 2002
-Ipoteka numru 17627 favur il-BOV ghal Lm12,000 fuq loan ghal business commitments skond kuntratt tat-l 2 ta' Ottubru 2005
-Bejgh ta' garage numru 4 f'Triq il-Gdida fi Triq il-Gandlora, Haz-Zebbug minn Hite Investments Ltd favur ir-rikorrent b'kuntratt datat 14 ta' Settembru 2001

-Tpartit tal-garage numru 4 ma effetti mobbli bejn ir-rikorrent u R. Calleja datat 3 ta' Gunju 2002 Dok. SM111
-Proprjeta registrata fuq l-attur Dok. SM112 garage numru 4
-Children's allowance Dok. SM121
-Income Tax Returns Dok. SM123 ghas-snin 2000-2006
-Capital Transfer Duty Dok. SM125: (i) Bejgh 14/09/2001 minn Hite ghal Micallef - garage 4; (ii) 03/06/2002 minn Micallef ghal.!LCalleja Garage fejn garage 4 tpartat ma garage 5
-ETC Dok. SM129 impjiegi tar-rikorrent
-Enemalta Corporation Dok. SM130 – l-attur registrat bhala konsumatur fuq postijiet (i) 28/2, 28 Triq Hal-Dwin, Zebbug mill-29/09/2004; (ii) Sardinella, Sqaq Qenc Triq l-Imdina, Zebbug mill-23/07/1997 sad-29/09/2004; (iii) Ford Garage, Triq l-Imdina, Zebbug mill-01/05/1996 sat-23/07/1997.

**Fil-kaz in ezami r-rikorrent qed isostni li hu dejjem kellu impjieg bi qliegh**

L-attur xehed li qabel izzewweg kien jahdem il-Casino bejn il-1998 u 1999, imbaghad hadem f'hanut tal-grocer is-suq tal-Belt u wara arma b'kumpanija li tippakkja xoghol tal-ikel [SM129 a fol. 634/5]. Hu baqa jahdem sal 2008. Fl-employment history [Jobs Plus Dok. JS1 a fol. 223] ir-rikorrent hu registrat ghal perjodu 1999 sal 2009. Hu ghandu trading license datata 14 ta' Novembru 2012 [Dok. CC1 fol. 227-230] flimkien mal-kundizzjonijiet marbuta maghha minn naha tal-Health Department b'rapport shih u dettaljat. Hu ezebixxa d-Dok. RM3 u 4 it-tax returns [a fol. 242, 248]. Id-dar matrimonjali hija wirt ta' missieru.

Illi rigward qliegh percepit mill-attur ghall-hidma tieghu bhala self-employed jidher li dak sottomess huwa  verosimili, u fil-fatt huwa rifless mid-dokumentazzjoni bankarja u mir-returns tat-taxxa ezaminata fir-rigward. Id-dhul tar-rikorrent huwa rifless f'dawn id-dokumentazzjoni fejn hemm indikat it-turn over u c-chargeable income tan-negozju tar-rikorrent ghas-snin 2004, 2005, 2006, 2007 u 2008. Illi r-rikorrent waqaf jahdem fil-2008 u r-return tal-2008 hija ghas-sena ta' bazi 2007. Fir-return tal-2008 ghas-sena bazi 2007 hu qala daqs kemm kien qala fil-2006, 2005 u 2004. F'dawn l-ahhar tlett snin indikati jidher li r-rikorrent ma kienx ghandu miss mad-droga kif xehed l-ispettur Cassar fejn qal li l-koltivazzjoni ma kinitx ilha wisq li bdiet u li r-rikorrent ma kienx konness ma reati ohrajn ta' dan it-tip qabel.

**Ir-rikorrent jissottometti ukoll li l-kontijiet bankarji illi kellu u huwa ghandu mal-bank ma jikkontjenux flus provenjenti minn xi reat taht l-imsemmija Ordinanza**

Illi minn erba accounts li r-rikorrent kellu mal-BOV [fol. 28 et seq. u fol. 453], tnejn inghalqu fil-2007 u 2010 u t-tnejn l-ohra ghadhom miftuhin u cioe:
Savings Account li infetah fid-29 ta’ Awwissu 2000 u ghadu miftuh [Dok. JB1];
Business Loan account li nfetah fis-26 ta’ Lulju 2005 u ghadu miftuh [Dok. JB3]

Jirrizulta li r-rikorrent kien fetah zewg loan accounts u kellu bzonn overdraft mill-bank biex ikun jista jimexxi n-negozju tieghu dikjarat mal-Jobs Plus. Dawn il-loans u flus fil-bank kien gew dikjarati mad-Dipartiment tat-taxxa fl-income tax returns. Jirrizulta li huwa kien qed jaghmel depoziti mal-bank biex jaqta’ mill-loans li huwa kien ha. Inoltre jghodd hawn ukoll dak li qal l-ispettur Cassar. Dawn il-kontijiet, apparti li l-maggor parti nfethu bhala self, infethu fil-perjodu qabel ma r-rikorrent kien mess mad-droga.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti ma tirrizultax il-konnessjoni bejn il-flus fil-bank u l-attivita kriminuza li tirrendi dawk il-flus bhala li gejjin bi provenjenza illegittima.

**L-attur issottometta li l-polza tal-assikurazzjoni mas-socjeta MSV Life kienet infdiet fis-sena elfejn u tnejn (2002) u li din il-polza ta' assikurazzjoni ma kienitx rizultat ta' flus provenjenti minn xi reat taht l-istess ordinanza**
Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-Life Insurance [Dok. RM2 fol. 240] kienet inharget fil-2002 (qabel it-2007) biex taghmel tajjeb ghal loan li kien ha r-rikorrent mill-Bank. Il-Polza giet *assigned* lil Bank u *surrendered* fil-2013 u l-Bank thallas €9657.01.

Illi f’dan ir-rigward huwa minnu li l-polza inharget fl-2002 hafna qabel l-akkuza li ngiebet kontra l-attur, imma jirrizulta li wara l-2007 din il-polza baqghet tithallas mill-attur sal-2012 (il-premium tal-2013 gie avvanzat mill-bank) meta gie surrendered. Illi ghalhekk l-attur ma gabx prova li wara l-2007 il-pagamenti li kienu qed isiru kienu gejjin minn provvenjenza legittima. Ghalkemm dan l-ammont huwa konfiskabbli pero jigi notat li l-flus tas-surrended value kien hadu l-bank.

**Ir-rikorrent issottometa li l-vetturi li ghandu mhux rizultat ta’ flus provenjenti minn xi reat taht l-istess ordinanza**

Illi rigward il-vetturi kolpiti b'din il-procedura fil-fehma tal-Qorti dawn ma humiex xi karozzi ta' lussu; wahda minnhom li kienet ggaraxxjata u ohra skrappjata. Il-vetturi kienu gew registrati fil-2003 u 2005 cjoe qabel ma r-rikorrent beda jmiss mad-droga. Il-Qorti tirreleva illi l-vettura KIA Ceres indikata fir-rikors promotur mhix registrata fuq l-attur u ghalhekk ma ghandhiex tifforma parti mill-assi li fuqha hi mfassla din il-procedura.

Illi l-Qorti taghmel ukoll referenza ghax-xhieda tas-Spettur Raymond Cassar li stqarr li kien jidher li r-rikorrent gie mhajjar jikkoltiva l-kannabis minn Albert Tanti li kellu l-esperjenza f'dan il-qasam izda mhux il-mezzi. Jidher li r-risorzi tal-attur li ntuzaw biex issir il-koltivazzjoni tal-kannabis kien l-uzu tal-garage tar-rikorrent. Is-set up, skond l-ispettur, kien koordinat minn Albert Tanti li kellu esperjenza f'dan il-qasam. Fir-rigward tal-assi kkonfiskati, l-ispettur ma setghax jikkonferma jew jichad jekk dawn kienux gejjin minn tali attivita. Jghid li r-rikorrent ma kienx konness ma reati ohrajn ta' dan it-tip qabel.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti huwa biss l-immobbili li fih bdit tigi koltivata l-kannabis indikata fir-rapport tal-Dr Vince Galea li hija kontaminata stante li jirrizulta assodat li ntuza ghal koltivazzjoni tal-kannabis u konsegwentement intuza ghal uzu illecitu u ghalhekk il-konfiska ghandha tigi kkonfermata. Id-dar matrimonjali, skont ir-rikorrent, hija wirt ta' missier ir-rikorrent ghalhekk ghandha tigi eskluza. Il-proprjeta l-ohra fejn l-attur huwa indikat bhala registered consumer mill-perit legali jew tirrisjali ghal qabel l-2007 jew ma baqghetx ghand l-attur qabel l-2007.

Salv ghal dak li nghid fuq, ai fini tal-oggetti l-ohra ndikati, ghandu jinghad li l-attur pprova sal-grad tal-probabbilita rikjesta, li dawn ma kienux gew ghandu b'mod illecitu. Jirrizulta li l-metodu li bih huwa fetah il-kontijiet bankarji, hareg il-polza tal-assikurazzjoni u l-vetturi li kellu jimmilitaw favur it-tezi tar-rikorrent u li jissodisfaw l-assikurazzjoni rikjesta mill-ligi. Tressqu provi dokumentali li jikkorroboraw dan - kemm fir-rigward ta' formoli ta' Job Plus, kuntratti ta' xiri u tpartit fejn intuzat sistema bankarja u returns tal-Vat u Tax returns ghar-rigward tal-qligh tieghu. It-tezi tar-rikorrent issib konfort mix-xhieda tas-Spettur Cassar partikolarment fejn huwa ma setghax jikkonferma jew jichad jekk dawn kienux gejjin minn tali attivita u li r-rikorrent

ma kienx konness ma reati ohrajn ta’ dan it-tip qabel iz-zmien tal-akkuzi dedotti kontra tieghu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tillibera lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju, spejjez ghar-rikorrent; u ai termini tal-artikolu 22C u 22D tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta tirrevoka l-ordni tal-konfiska tal-proprjeta tar-rikorrent maghmula bis-sahha ta' sentenza datata 24 ta' Frar tas-sena 2016 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Steven Micallef hlief ghal immobbili (garages) li ntuzaw ghall-koltivazzjoni tal-kannabis li se jibqghu ikkonfiskati. Spejjez bin-nofs bejn il-partijiet.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur